**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 17 ta' Ottubru 2023**

Rikors Numru: 320/23 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 1138/1997)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet iżżewwġu nhar il-hamsa (5) ta' Lulju, tas-sena elf disa' mija u sebgħa u disghin (1997) fil-parroċċa ta' Ta' Xbiex, u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dokument A.
2. Illi minn dan iż-żwieġ twieled il-minuri E D nhar l-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u għaxra (2010) u għalhekk huwa Minuri.

3. Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali redatt minn Nutar Dottor Jacqueline Calleja datat l-għoxrin (20) taApril tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023); vera kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn annessa u mmarkata bħala Dokument B.

4. Illi ma hemm l-ebda kwistjonijiet rigwardanti manteniment peress li l-Partijiet iddekadaw mid-dritt tagħhom li jirċievu manteniment mingħand xulxin, filwaqt li ma hemm l-ebda arretrati fir-rigward tal-manteniment tal-Minuri E D

5. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet peress illi illum huma jinsabu legalment separati minn xulxin, filwaqt li s-separazzjoni de facto taghhom sehhet fis-sena elfejn u tmintax (2018), u dan kif huwa ddikjarat fil-kuntratt ta' separazzjoni tagħhom.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Illi l-esponenti qiegħda tannetti affidavit tagħha, ma dan ir-rikors, mmarkat Dokument C.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

A. Tippronunzja l-hall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A et sequitur tal-Kap16 tal-Liġijiet ta' Malta;

B. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imholli għal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta’ Gunju, 2023;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla jwiegeb fuq domanda tal-qorti li m’ghandu l-ebda oggezzjonii li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom *de facto* separati mis-sena 2018;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.